23 ta' Ġunju, 1964

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Emanuela Case

*versus*

Avukat Dr Carmelo Agius noe

**Esekuzzjoni ta' kuntratt — Eċċezzjoni — Simulazzjoni — Preskrizzjoni — Art. 1266, 1268, u 1270, Kodiċi Ċivili**

*Meta s-simulazzjoni, sew assoluta kemm relativa, tiġi sollevata mill-parti azzjonata sabiex tagħti eżekuzzjoni ta' kuntratt, dik il-forma ta' eċċezzjoni hija riċevibbli fl-istess azzjoni, b'differenza minn meta s-simulazzjoni tkun qegħda tiġi allegata minn terz.*

*L-azzjoni tas-simuazzjoni hija soġġetta għall-preskrizzjoni triġenarja.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, peress li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, tal-15 ta' Novembru 1954 (Dok. A) l-imsemmi Paolo Spiteri kkostitwixxa ruħu veru ċert u likwidu debitur versu l-attriċi fis-somma ta' elf ħames mija erbgħa u tmenin lira (£1,584) għar-raġunijiet esposti fl-istess kuntratt, liema somma l-attriċi kellha tieħu mill-wirt ta' l-istess Paolo Spiteri flimkien ma' l-imgħax tal-ħamsa fil-mija fis-sena (5%), u peress li l-istess Paolo Spiteri kif jidher mill-istess inkartament tal-Avukat tal-Fqar, miet fis-26 ta' Diċembru 1955, u peress li l-attriċi għadha sal-lum ma ħadet xejn mill-ammont u mgħaxijiet fuq imsemmija, lilha dovuti għall-istess raġunijiet, u peress li għaddew aktar minn tliet snin minn meta seta' jiġi eżegwit, bil-mewt ta' l-istess Paolo Spiteri, l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Novembru 1954, talbet li għar-raġunijiet premessi l-Qorti jogħġobha tawtorizza lill-attriċi teżegwixxi l-imsemmi kuntratt għas-somma fuq msemmija ta' £1,584, oltre l-interessi mis-26 ta' Diċembru, 1955 bl-ispejjeż u imgħaxijiet ulterjuri;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess kuratur

(fol. 38) fejn oppona li l-att li tiegħu qed tintalab eżekuzzjoni huwa simulat peress li l-kawżali tal-kreditu "de quo", cioè salari, ma teżistix.

Omissis.

Ikkunsidrat:

1. Il-kwistjoni f'idejn il-Qorti f'dan l-istadju hija biss dik jekk is-simulazzjoni allegata mill-konvenut nomine tista tiġi sollevata "ope exceptionis" jew inkella għandhiex issir azzjoni ad hoc.

2. Fit-trattazzjoni orali l-għaref difensur ta' l-attriċi ssottometta li s-simulazzjoni hija ekwiparata għall-rexizzjoni minħabba annullibilità; u billi fid-duttrina u ġurisprudenza hemm distinzjoni bejn in-nullità li ġejja minn vizzju apparenti li tista' tiġi sollevata l-eċċezzjoni u l-annullibilità meta l-vizzju ma jkunx tali (li tirrikjedi azzjoni opposita, ara Dingli, Noti Ord. VII tal-1868, art. 919 u Kollez. Vol. XXXVIII, i. 58) huwa nsista li l-Qorti tiddeċidi b'sentenza li l-allegata simulazzjoni għandha tiġi sollevata b'azzjoni, azzjoni li, żied igħid, m'għadiex iżjed eżerċibbli għaliex milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn (art. 1266 Kod. Civ.) jew ta' ħames snin (art. 1268);

3. L-istess preokkupazzjoni induċiet lill-għaref kuratur jissottometti n-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu li swiet ta' għajnuna.

4. Illi l-pożizzjoni legali hija li mita s-simulazzjoni, sew assoluta kemm relativa, (f'dan il-każ jidher li s-simulazzjoni pretiża hija biss relativa għax tista' taħbi donazzjoni — ara l-ewwel dikjarazzjoni tal-konvenut nomine fol. 15 tergo) tiġi sollevata mill-parti azzjonata biex tagħti eżekuzzjoni ta' kuntratt, dik il-forma ta' eċċezzjoni hija reċevibbli fl-istess az-

zjoni, b'differenza minn meta s-simulazzjoni tkun qegħda tiġi allegata minn terz (Kollez. Vol. XXXIII, i, p. 344, u in partikolari paġ. 348; Butera Della Frode e Della Simulazione, Vol. II, Della Simulazione nei Negozi Giuridici, Ediz. Unione Tipografico. Editore Torinese, 1936, para. 152 p. 487);

5. Illi barra minn dan l-eċċezzjoni stess hija impreskrittibli speċjalment fil-każ fejn l-eżerċizzju tal-azzjoni ma jkunx għadu possibili, minħabba l-prinċipju not "quae temporalia sunt ad agendum perpetua sund ad excipiendum", li nonostanti li huwa msemmi fl-art 1270 jipprevadi l-kamp kollu taddritt ċivili ħlief fejn huwa eċċettwat b'xi terminu ta' dekadenza bħal fil-każ tal-azzjoni redibitorja (Butera loc. cit u para. 153 u 154 u 155 fejn jikkommenta l-art. 1302 tal-Kodiċi Taljan tal-1865 simili għall-art. 1270 tagħna). U inoltri l-azzjoni tas-simulazzjoni anki kieku l-konvenut nomine kellu jiġi kostrett jagħmilha, ma hix soġġetta għal preskrizzjoni ta' sentejn jew ta' ħames snin imma għal dik triġenarja. Tant jidher ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna (Kollez. Vol. XVI, ii, 332; Vol. XXXIII, II 414; Vol. XXXIX, i, sez. 2 p. 366 li tirriporta sentenza ta' din il-Qorti għalkemm il-Qorti superjuri warrriteniet li f'dak il-każ; minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku l-każ kien ta' użura simulata taħt kulur ta' mutwu — il-preskrizzjoni l-anqas ma setgħet tiġi sollevata) kif ukoll hija l-opinjoni dominanti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza kontinentali li għandhom x'jaqsmu ma' tagħna (Butera, Op. cit., para 153 u 154) senjatament mita l-azzjoni tkun diretta biex toħroġ fid-dawl n-negozju veru moħbi taħt l-apparenza tan negozju fittizju, kif hija l-intenzjoni tal-konvenut f'dan il-każ. Għalhekk fil-lat prattiku l-anqas ma hemm għalfejn li lill-konvenut nomine jiġi prefiss terminu biex jaġixxi għax min-naħa waħda ma jġovax lill-attriċi u min-naħa l-oħra l-konvenut nomine jkun qiegħed jiġi kostrett jistitwixxi azzjoni li hu m'għandux proprjament interess għaliha stanti li hu ġa armat bl-eċċezzjoni li, fil-fattispeċji, hija suffiċjenti għall-istruzzjoni tajba tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi li f'dan il-każ l-eċċezzjoni tas-simulazzjoni hija riċevibbli salva, it-trattazzjoni tagħha fil-meritu, u li konsegwentement ma hemmx bżonn li l-konvenut nomine jimxi bl-azzjoni opposita għaliha. L-ispejjeż ta' din is-sentenza jitħallsu mill-attriċi u l-kawża tibqa' differita għall-provi u trattazzjoni fuq l-imsemmija eċċezzjoni għas-seduta tat-13 ta' Ottubru 1964, jekk ma jkunx hemm appell minn din is-sentenza.